MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1059/2002

**Joseph Zammit fil-kwalita` tieghu ta' legittimu rappresentant ta' ibnu minorenni Jeremy Zammit**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fic-cerffikat tat-twelid ta' Jeremy Zammit, iskritt fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' iskrizzjoni 2025/2002 (esratt ta' liema jinsab anness u mmarkat Dok A fl-inkartament), fil-kolonna indikattiva tal-hin, il-jum, ix-xahar u is-sena giet erronjament imnizzla id-data Wed. 08 May 2002.

Illi fil-fatt il-minuri Jeremy Zammit twieled is-Sibt 8 ta' Gunju 2002, kif jixdhu id-dokumenti annessi mal-inkaratament rigwardanti l-ammissjoni tal-attur ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali mmarkati dok B, C, u D.

Illi l-attur ghandu interess li issir id-debita korrezzjoni.

Illi l-istess attur talab li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi ma ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li il-minuri Jeremy Zammit twieled nhar is-Sibt 8 ta' Gunju 2002 u mhux nhar l-Erbgha 8 ta' Mejju 2002 kif jindika ic-certifikat ta' twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 2025/2002.

2. Tordna lill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi ic-certifikat ta' twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 2025/2002, liema certifikat jirreferixxi ghall-Jeremy Zammit, fis-sens illi fil-kolonna indikattiva tal-hin, jum xahar u sena tigi kancellata id-data 'Wed. 08 May 2002' u sostitwiti bid-data 'Sat. 08 June 2002'

Bl-ispejjez kontra il-konvenut ingunt ghas-subbizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa 10 tal-process;

Rat in-nota ta’ Dr Joseph Mifsud a fol 11 u d-digriet tal-Qorti tat-28 ta’ Awissu 2002 fejn gie nominat Dr Anthony Cutajar bhala Avukat ghall-Ghajnuna Legali u jirrapprezenta lill-attur f’din il-kawza.

Rat il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta’ Settembru 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur Registru Pubbliku fejn gie eccepit:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid numru 2025 tas-sena 2002 mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol 20 u 21 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tallum l-4 ta' Frar 2003 fejn dehret Susan Zammit omm il-minuri li ddikjarat bil-gurament taghha d-dikjarazzjoni li ghamel zewgha l-attur. Id-Direttur Registru Pubbliku u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti ghalhekk ghaddiet biex tghati d-decizjoni taghha *seduta stante.*

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-twelid ta' Jeremy Zammit, bin l-attur, li jgib in-numru 2025/2002 *stante* li l-istess attur qed isostni li ibnu twieled is-Sibt 8 ta' Gunju 2002 u mhux l-Erbgha 8 ta' Mejju 2002 kif jinsab indikat fl-istess Certifikat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u jidher palezament li sar zball fic-Certifikat tat-twelid ta' l-istess minuri, fis-sens illi giet ndikata erronjament id-data tat-twelid ta' l-istess minuri "Wed 08 May 2002", meta fil-fatt id-data korretta hija "Sat 08 June 2002".

Illi dan jinsab ikkonfermat mic-certifikat mahrug mill-Labour Ward ta’ Karen Grech fl-Isptar San Luqa (Dokument B) u dokumenti ohra relatati mat-twelid li lkoll jindikaw li l-minuri fil-fatt twield fit-8 ta’ Gunju 2002 u mhux fit-8 ta’ Mejju 2002.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut **tilqa’ t-talbiet attrici** kif dedotti fic-citazzjoni, b’dan illi:-

1. Tiddikjara li il-minuri Jeremy Zammit twieled nhar is-Sibt 8 ta' Gunju 2002 u mhux nhar l-Erbgha 8 ta' Mejju 2002 kif jindika ic-certifikat ta' twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 2025/2002.

2. Tordna lill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi ic-certifikat ta' twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 2025/2002, liema certifikat jirreferixxi ghall-Jeremy Zammit, fis-sens illi fil-kolonna indikattiva tal-hin, jum, xahar u sena tigi kancellata id-data 'Wed. 08 May 2002' u tigi sostitwita bid-data 'Sat. 08 June 2002'.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha issir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attur, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------